*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0081/2020**

22.1.2020

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-Indja (2020/2519(RSP))

**Anna Fotyga, Geoffrey Van Orden, Hermann Tertsch, Adam Bielan**
f'isem il-Grupp ECR

**B9-0081/2020**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-Indja
(2020/2519(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Indja,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali,

– wara li kkunsidra l-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordnata u Regolari,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jappartjenu għal Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi tat-18 ta' Diċembru 1992,

– wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni Indjana,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-Indja (is-CAA), li għadda miż-żewġ Kmamar tal-Parlament Indjan b'appoġġ enormi, jippermetti lill-migranti/barranin ta' sitt komunitajiet reliġjużi ta' minoranza, jiġifieri l-komunitajiet Ħindu, Sikh, Buddisti, Jain, Parsi u Nsara mill-Afganistan, il-Bangladesh u l-Pakistan li ġew l-Indja qabel il-31 ta' Diċembru 2014 biex jaħarbu l-persekuzzjoni minħabba r-reliġjon tagħhom, li jkollhom aċċess issimplifikatat għaċ-ċittadinanza Indjana;

B. billi l-Gvern Indjan spjega li r-raġunament wara l-leġiżlazzjoni emendata huwa li tinħoloq ċertezza tad-dritt fl-Indja għar-rappreżentanti tal-minoranzi reliġjużi ppersegwitati li jiġu mit-tliet pajjiżi ġirien imsemmija qabel;

C. billi l-maġġoranza ta' dawk li ħarbu minn dawn il-pajjiżi ġirien għamlu hekk minħabba l-persekuzzjoni estrema li kellhom jiffaċċjaw taħt ir-reġim Iżlamiku radikali tat-Talibani fl-Afganistan u f'dawk li qabel kienu dittatorjati militari fil-Bangladesh u l-Pakistan;

D. billi l-migranti minn gruppi oħra mhuma bl-ebda mod affettwati mil-liġi l-ġdida u huma eliġibbli biex jiksbu ċittadinanza Indjana skont ir-regoli normali, dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni jew in-naturalizzazzjoni;

E. billi aktar minn 3 000 rifuġjat tar-reliġjonijiet kollha mill-Pakistan, l-Afganistan u l-Bangladesh ingħataw ċittadinanza Indjana matul dawn l-aħħar sitt snin;

F. billi l-Indja għandha t-tieni l-akbar popolazzjoni Musulmana fid-dinja, u hija pajjiż b'multikulturaliżmu u diversità mifruxa bi drittijiet ugwali għal kulħadd;

G. billi l-Liġi emendata dwar iċ-Ċittadinanza qajmet kontroversja u kienet soġġetta għal kritika minħabba l-fatt li kienet selettiva wisq u teskludi lill-Musulmani mid-dispożizzjonijiet offruti lil gruppi reliġjużi oħrajn; billi din tmur kontra l-Kostituzzjoni Indjana, b'mod partikolari b'referenza għall-Artikolu 14, li jiggarantixxi d-dritt ta' ugwaljanza quddiem il-liġi, u l-Artikolu 15, li jipproteġi kull persuna minn diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon, razza, kasta, sess jew post tat-twelid;

H. billi l-protesti li faqqgħu madwar l-Indja, b'mod partikolari fil-kampusijiet universitarji, b'reazzjoni għall-adozzjoni tal-Liġi emendata dwar iċ-Ċittadinanza, intlaqgħu b'repressjoni brutali mill-forzi tas-sigurtà, u minħabba f'hekk mietu mill-inqas erbgħa u għoxrin persuna u ħafna aktar sfaw midruba;

1. Jieħu nota tal-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-Indja (CAA) u t-taqlib domestiku li kkawża madwar il-partijiet differenti tal-pajjiż, filwaqt li qed jipperikola l-immaġni internazzjonali tal-Indja u l-istabbiltà interna tagħha;

2. Jenfasizza li, bħala stat sovran, l-Indja hija libera li tkun l-uniku determinant tal-leġiżlazzjoni tagħha dwar min jista' jingħata ċ-ċittadinanza Indjana, f'konformità mal-liġijiet internazzjonali;

3. Ifaħħar lill-Gvern Indjan għall-intenzjoni tiegħu li jħaddan liġi li tikkunsidra l-qagħda mwiegħra tal-minoranzi persegwitati fil-pajjiżi konfinanti; jistieden, madankollu, lill-awtoritajiet Indjani biex jestendu l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-liġi biex jinkludu oħrajn li qed ifittxu rifuġju fl-Indja fuq il-bażi ta' persekuzzjoni minħabba r-reliġjon tagħhom, filwaqt li jinnota li l-migranti mill-Pakistan, l-Afganistan u l-Bangladesh li mhumiex minn gruppi reliġjużi ppersegwitati jistgħu wkoll jitolbu ċ-ċittadinanza jekk ikunu jixtiequ;

4. Jistieden lill-Gvern Indjan itaffi t-tħassib tal-gruppi kollha fil-pajjiż rigward il-modalitajiet tas-CAA;

5. Jikkundanna kwalunkwe użu eċċessiv tal-forza mill-forzi tas-sigurtà kontra d-dimostranti li jipprotestaw kontra s-CAA; jiddispjaċih għat-telf tal-ħajja u jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-familji tal-vittmi; jitlob li ssir investigazzjoni imparzjali dwar l-avvenimenti;

6. Jenfasizza li sakemm il-proċess normali biex tinkiseb iċ-ċittadinanza jibqa' miftuħ għal nies ta' kull twemmin u mill-pajjiżi kollha, il-liġi l-ġdida, li tippermetti lill-minoranzi ppersegwitati li jibbenefikaw minn proċedura mħaffa, għandha titqies bħala att umanitarju;

7. Jieħu nota li tressaq appell kontra s-CAA quddiem il-qorti kostituzzjonali tal-Indja;

8. Jenfasizza li l-Indja hija alleat importanti tal-Unjoni Ewropea.

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Gvern tal-Indja, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta ' Sigurtà, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.